# KUNSILL LOKALI LIJA

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NR 10 – IL-HAMIS 8 T'APRIL 2010

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu f'Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr. Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr. Marc Sant | Kunsillier |
| | Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku : Ma kienx hemm pubbliku preżenti

## 1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti inqraw u wara li kienu approvati gew ffirmati mis-Sindku u S-Segretarju Eżekuttiv.. Proposti mis-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondant is-Sinjorina Lorraine Farrugia.

1.2 Lista ta' pagamenti gew approvati fuq proposta tas-Sinjura Magda Magda Naudi sekondata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia

## 2. ERDF APPLICATION

2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill dwar il-hidma li kienet ghaddejja biex titlesta l-applikazzjoni dwar il-fondi imsemmija hawn fuq.

2.2 Gie nnotat li fejn kien mehtieg kien qed jittiehed parir tekniku biex tingabar l-informazzzjoni mehtiega.

2.3 Id-data stabbilita li fiha trid tkun ipprezentata din l-applikazzjoni kienet sa nhar it-Tnejn 19 t'April 2010. Ghalhekk is-Segretarju flimkien mas-sindku qed jaghmlu l-preparamenti mehtiega biex din l-applikazzjoni titlesta u tkun ipprezentata fil-hin.

## 3. DEVOLUZZJONI TAT-TORRI BELVERERE

3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li t-talba ufficcjali biex ikun devolut lill-Kunsill it-Torri Belvedere kienet approvata mid-Direttur tal-Kunsilli Lokali.

3.2 Id-Dipartment ta' l-Artijiet li kien ukoll infurmat b'din it-talba ma kien sab l-ebda oggezzjoni pero qed jistenna li jikonferma wara li tkun lesta ir-ricerka mehtiega.

## 4. APPLIKAZZJONI MEPA

4.1 Sabiex it-Torri Belvedere ikun jista' jigi restawrat huwa mehtieg l-approvazzjoni tal-MEPA.

4.2 Il-Kunsill approva biex issir dak kollu necessarju halli tkun registrata l-applikazzjoni tal-Kunsill mal-MEPA.

4.3 Ghar raguni li din l-applikazzjoni hija mehtiega hafna b'urgenza biex tkun parti mill l-applikazzjoni ta' ERDF, il-Kunsill ser jiehu hsieb biex din titlesta fl-iqsar zmien possibli.

## 5. TRAFFIC MANAGEMENT

5.1 Il-Kunsill ghal darba ohra rega iddiskuta fit-tul il-problema tat-traffiku fil-lokalita ta' Hal Lija.

5.2 Is-Sindku spjega li l-aktar parti affettwata minn din il-problema hija l-parti tal-Mirakli u l-isfel lejn il-village Core.

5.3 Dan ghar-raguni li Hal Lija qed tintuza bhala by-pass mill-irhula ta' madwar biex imorru lejn in-naha tal-Belt.

5.4 Fuq proposta tas-sindku Dr. Ian Castaldi Paris, il-Kunsill approva biex tinzamm laqgha ma' ufficcjali ta' l-ADT.

5.5 Is-Sindku ghamel referenza ghal-Perit Lara Demicoli li hija Ufficjal l-ADT li ghandha x'taqsam fit-Traffic Management li maghha ghandha tinzamm laqgha ta' diskussjoni dwar din il-problema.

## 6. ATTIVITA KULTURALI

6.1 Serata ta' attivita f'Hal Lija.

6.2 Il-proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia, li kienet ipprezentata quddiem il-Kunsill fid-dettal ta' kif huwa propost li tinzamm din l-attivita, giet diskussa mill-Kunsill.

6.3 Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris flimkien mas-Sinjorina Lorraine Farrugia ghandhom izommu laqgha bejniethom sabiex flimkien jiddiskutu fid-dettal din l-attivita.

6.4 Wara li tingabar din l-informazzjoni il-Kunsill ikun jista' jikkonferma kif din l-attivita tista' tinzamm kif qed ikun propost.

6.5 Harga Kulturali Ghawdex

6.6 Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris ippropona biex tinzamm harga kulturali f'Ghawdex.

6.7 Residenti mill-lokalita ta' Hal Lija permezz ta' din l-attivita ser ikollhom l-opportunita li jmorru f'postijiet ta' interess f'Ghawdex.

6.8 Dettalji dwar din l-attivita li ghandha tinzamm nhar l-Erbgha 4 ta'Gunju 2010 jinghataw iktar il-quddiem.

## 7. ANTENNA – PREZIOSI STREET

7.1 Il-kunsilliera tkellmu dwar il-process li ghadu ghaddej bil-Qorti kontra stallazzjoni ta' Antenna mill-Go fi Triq Preziosi ghar raguni li din kienet qed tikkawza inkonvenjent ghar-residenti ta' l-inhawi. I-Sindku Dr. Ian Castaldi Paris, wara li spjega fit-dettal dwar is-seduti li nzammu fil-qorti s'issa qal li ghandha tinzamm laqgha mar-residenti qabel is-Seduta li jmiss.

7.2 Is-Seduta tal-qorti li jmiss ghandha tinzamm nhar il-Hamis 20 ta' Mejju 2010. Dettalji tal-laqgha mal-pubbliku fuq dan is-suggett jinghataw aktar il-quddiem.

## 8. PARKING TURKISH AMBASSADOR

8.1 Il-Kunsilliera iddiskutew il-proposta li saret mir-rapprezentant ta' l-Ambaxxatur tat-Turkija biex dan ikollu 'reserved parking' fi Triq il-Kuncizzjoni quddiem ir-residenza tieghu.

8.2 Il-Kunsilliera qablu li ghalkemm f'din it-triq hemm problema ta' parking ma jsibu l-ebda oggezzjoni jekk dan il-parking isir quddiem ic-Centru tal-MUZEWM li hemm l-istess triq.

8.3 Dawn minn naha taghhom ghandhom ikunu avvicinati mis-Sinjura Magda Magri Naudi biex jikkonfermaw li ma ghandhom l-ebda oggezzjoni dwar dan is-suggeriment. Meta jkun hemm risposta definitiva dwar dan ghandhu jkun infurmat id-Dipartiment ta' l-Affarijiet Barranin.

## 9. ITTRA TA' LIJA ATHLETICS

9.1 Il-Kunsill tkellem dwar it-talba li ghamlu Lija Athletics biex dawn jiltaqghu mal-Kunsill. Il-Kunsill unanimament qabel biex Lija Athletics ikun mistiedna jiltaqghu mal-Kunsill nhar il-Hamis 29 t'April 2010 fil-5.00p.m. fl-ufficcju tal-Kunsill.

### 10. FINANCIAL STATEMENTS AND REPRESENTATION LETTER 31$^{ST}$ DECEMBER 2009

10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta id-dokuments imsemmija hawn fuq u wara li dawn gew analizzati u diskussi mill-Kunsilliera u wara gew approvati

.

10.2 Is-Sindku u Segretarju ghandhom jiffirmaw dawn id-dokumenti biex jintbghatu lill-Awditur Generali u lill-Grant Thornton l-Awdituri li hadmu l-Awditjar ghal din is-sena.

11. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-7.30p.m.

Il-Laqgħa li jmiss ser tinżamm nhar il-Hamis 29 ta' April 2010. fil-4.00p.m..

Dr. Ian Castaldi Paris
Sindku

Sur Alfred Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv